MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2305/2003

**U.C.I.M Co. Ltd**

**Vs**

**K & M Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Novembru 2003 fejn is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta tnejn u sittin lira (Lm62) rapprezentanti mport ta zewg kambjali wahda ta Lm6 bilanc u wahda ta Lm56 debitament accettati u skaduti minn Marzu 2003 sa April 2003 rispettivament u mhux imhallsa annessi u markati 1 u 2;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mill-iskadenza ta kull kambjala kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti giuridici taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta riduzzjoni prezentata mis-socjeta attrici fid-9 ta Jannar 2004 fejn irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta Lm6 stante pagament akkont;

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta prezentata fl-10 ta Marzu 2004 fejn giet kkontestata t-talba attrici stante pagamenti li saru qabel ma nfethu l-odjerni proceduri kif kellu jirrizulta minn dokumenti esebiti mal-istess u mmarkati Dok KM 1, KM 2 u KM3;

Ra illi s-socjeta attrici kienet cediet il-kawza ghar-rigward is-sorte u zammet ferm il-kap tal-ispejjes b'nota prezentata fis-6 ta Frar 2004;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Illi s-socjeta attrici kienet beghtet l-ahhar ittra interpellatorja taghha fit-12 ta Novembru 2003 filwaqt li ntavolat il-kawza odjerna fid-19 ta Novembru 2003, cioe ezattament gimgha biss wara. Marcel Avellino ghas-socjeta attrici jghid li c-cheque li ntbghatilhom datat 14 ta Novembru 2003 wasal ghandhom f'Dicembru 2003 tant li gie msarraf fit-12 ta Dicembru 2003. Dr Pace ghas-socjeta konvenuta xehed fis-sens li kien inqala disgwid bejn is-socjetajiet kontendenti dwar il-kambjali mhallsa u dana peress li l-istess kambjali ghalkemm imhallsa kienu baqghu fil-pussess tas-socjeta attrici. Illi din l-allegazzjoni ma jidhirx li giet kontestata mis-socjeta attrici.

Illi ma hemmx dubbju li s-socjeta attrici kienet gustifikata legalment li tistitwixxi l-odjerni proceduri stante morozita fil-hlas tal-kambjali pero', fl-istess hin is-socjeta konvenuta kienet gustifikata wkoll li targumenta li kellha kull jedd li tircievi lura l-kambjali li tkun halset, xi haga li donnha s-socjeta attrici naqset li taghmel ossia kienet tardiva f'tali rilaxx;

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz fuq il-kap ta l-ispejjes billi jiddikjara fuq bazi ta ekwita li

dawn ghandhom jigu sopportati f'sehem indaqs bejn iz-zewg kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------